DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 170212** **30.01.2017**

## STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

***L-Ispeaker jattendi għal-laqgħat fil-qafas tal-Ġimgħa Parlamentari Ewropea 2017***

Matul din il-ġimgħa, l-Ispeaker Anġlu Farrugia se jkun qed jipparteċipa f'numru ta' laqgħat fil-qafas tal-Ġimgħa Parlamentari Ewropea 2017. L-impenji tiegħu jibdew nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2017 meta flimkien mal-President tal-Parlament Ewropew Antonio Tajani, se jkun qed jiftaħ Konferenza inter-Parlamentari dwar l-Istabilità, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza tal-Unjoni Ewropea.

Din il-konferenza qed tiġi organizzata bejn il-Parlament Malti u l-Parlament Ewropew, u se tipprovdi opportunità għal dibattitu u skambju ta' ideat u ta' prattiċi fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Patt Fiskali. L-għan huwa biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Parlamenti Nazzjonali u l-Parlament Ewropew u tikkontribwixxi għal aktar kontabilità demokratika fl-oqsma tal-Governanza Ekonomika u tal-Politika Baġitarja fl-Unjoni Ewropea, partikolarment fil-qasam tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea.

**Attachments: none** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt